MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 420/2004

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 2244/03 fl-ismijiet:

Yellow Pages (Malta) Limited
vs
Planet Soft Limited (C 31221)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socejta` Planet Soft Limited C 31221 li eccepiet:

Illi s-socjeta` Yellow Pages (Malta) Limited intavolat il-mandat ta' sekwestru odjern kontra s-socjeta` rikorrenti ghas-somma ta' hamsin elf lira Maltin (Lm50,000) u dan in kawtela tat-talba ghad-danni li allegatament sofriet is-socjeta` Yellow Pages (Malta) Limited kif dedotti fil-kawza fl-ismijiet Yellow Pages (Malta) Limited vs Jurgen Neumann et citazzjoni numru 417/03/LFS.

Illi s-socjeta` rikorrenti ssottomettiet illi ma jezistux l-elementi rikjesti mill-ligi biex il-mandat odjern jibqa' fis-sehh.

Illi fl-ewwel lok is-socjeta` rikorrenti mhix il-proprjetarja tal-web-sites www.yellowpagesmalta.com u l-anqas ta' dik www.whitepagesmalta.com, imsemmija fic-citazzjoni u hija ma ghandha ebda konnessjoni ma' l-istess web-sites u ghalhekk qatt ma setghet tigi misjuba responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` Yellow Pages (Malta) Ltd.

Illi l-kawza fuq imsemmija giet intavolata fil-25 ta' April 2004 filwaqt illi s-socjeta` rikorrenti giet registrata ftit granet biss qabel u cioe` fit-2 ta' April 2003 u ghalhekk huwa inkoncepibbli kif l-istess socjeta` rikorrenti tista' qatt tigi ritenuta responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` Yellow Pages (Malta) Ltd. meta hija l-anqas biss kienet tezisti fiz-zmien illi allegatament gew ikkagunati d-danni reklamati mis-socjeta` Yellow Pages (Malta) Ltd., u dana kif deher mid-dokument anness mar-rikors u mmarkat Dok PS1.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` Yellow Pages (Malta) Ltd. trid iggib prova, ta' l-anqas wahda ***prima facie***, illi hija sofriet danni fl-ammont ta' Lm50,000, kif ukoll illi l-istess danni gew sofferti bhala rizultat ta' xi azzjoni jew ommissjoni da parti tas-socjeta` rikorrenti.
Illi l-agir tal-intimat, bil-hrug tal-mandat imsemmi, kiser ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-intimat naqas milli jitlob lir-rikorrenti mqar illi tersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni jew li tipprovdi sigurta` bizzejjed fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju u dan bi ksur tal-artikolu 836 (8) (b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u ghalhekk ghandhom jigu applikati s-sanzjonijiet applikabbli fl-artikolu 836(8).

Illi l-mandat odjern sar in mala fede u sar biss bl-intenzjoni unika illi jsir ostaklu sabiex l-istess socjeta` rikorrenti ma

tkunx tista' topera u b'hekk b'riskju serju li hija tfalli. Illi ghalhekk it-talba tal-intimat hija wahda manifestament malizzjuza, frivola u vessatorja u dan ai termini tal-artikolu 836 (8) (d) tal-Kapitolu 12. Ghalhekk f'kaz illi l-Qorti ma tordnax it-tnehhija *tal-mandat* odjern, is-socjeta` Yellow Pages (Malta) Ltd. ghandha tigi ordnata sabiex taghmel garanzija xierqa w opportun ghad-danni eventwali tista' ssofri s-socjeta` rikorrenti bhala rizultat tal-mandat odjern.

Ghaldaqstant ai termini tal-premess is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha (i) tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2244/03 ghal kollox stante li jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 u (ii) tordna u tikkundanna lis-socjeta` intimata Yellow Pages (Malta) Ltd. thallas penali ta' bejn Lm500 u Lm3,000 ai termini tal-artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12, apparte danni kif kontemplati fis-subartikolu (9) tal-Artikolu 836 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civil li qed jigu espressament riservati, u (iii) fin-nuqqas tar-revoka tal-mandat, tordna u tikkundanna fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat mill-Qorti lis-socjeta` intimata Yellow Pages (Malta) Ltd. tipprovdi garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali, danni u imghax u dan skond kif kontemplat fl-artikolu 838 (A) tal-istess Kodici, u fin-nuqqas il-mandat ta' qbid kawtelatorju msemmi ghandu jigi revokat - kollox skond kif intqal u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata Yellow Pages (Malta) Ltd.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata Yellow Pages (Malta) Limited li eccepiet:

1. Illi hija kienet ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru 2244/03 fl-ismijiet premessi, kontra s-socjeta` rikorrenti Planet Soft Limited.

2. Illi dan il-mandat inhareg a bazi tal-pretensjonijiet li ghandha s-socjeta` intimata kontra Planet Soft Limited (u ohrajn), koncernanti l-ezistenza u gestjoni

ta’ zewg *websites* bl-isem www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com.

3. Illi dawn il-pretensjonijiet jifformaw il-mertu tac-citazzjoni numru 417/03 FS, pendenti quddiem din l-istess Qorti, kif daltronde gie indikat fl-istess mandat.

4. Illi s-socjeta` intimata kienet semplicement tezercita d-dritt taghha li titlob u tottjeni salvagwardja ghall-pretensjonijiet li ghandha fil-konfront ta’ Planet Soft Ltd. Ma hemm xejn irregolari, illegali, jew frivolu b’dan, u ghalhekk m’hemmx lok li dan il-mandat jigi revokat, jew li tinghata garanzija fin-nuqqas, u wisq anqas li tigi imposta xi sanzjoni.

5. Illi qabel xejn inghad ghall-kjarezza li s-socjeta` intimata kienet ottjeniet il-hrug ta’ mandati ohra (648/03 u 693/03) kontra terzi persuni ohra involuti fl-imsemmija *websites.* Ir-raguni ghaliex inhareg mandat separat kontra Planet Soft Limited, hija cara, u dan ghaliex is-socjeta` intimata kienet saret taf bl-ezistenza u l-involviment taghha wara li hargu l-mandati l-ohra.

6. Illi a kuntrarju ta’ dak li jinghad fl-istess rikors promotur, is-socjeta` Planet Soft Ltd. kienet fil-fatt tezisti qabel il-prezentata tal-kawza surriferita, stante li din giet iffurmata fit-2 ta’ April 2003, mentri l-kawza giet intavolata wara, fil-25 ta’ April 2003. Isegwi ghalhekk li l-kumment li din ma setghetx tikkaguna danni stante l-inezistenza taghha, huwa fieragh u skorrett.

7. Illi madanakollu, anke jekk stess Planet Soft Ltd. kellha inqas minn xahar hajja, dan bl-ebda mod ma jfisser li din ma setghetx tikkawza d-dannu reklamat mis-socjeta` intimata.

8. Illi inoltre s-socjeta` intimata ghandha provi li Planet Soft Ltd. kienet, u ghadha responsabbli *ghall-websites* surreferiti, liema responsabbilita` giet ampjament dikjarata w esposta fuq l-istess siti. Il-mandat in kwistjoni qieghed semplicement jikkawtela d-danni kontra minn kien, u ghadu, responsabbli ghalihom.

9. Illi assolutament ma jistax jinghad illi s-socjeta` intimata trid iggib prova li soffriet danni ammontanti ghal Lm50,000. Dan huwa kumment arbitrarju u bir-rispett kollu, infondat. Donnu Planet Soft Ltd. trid tfarfar l-obbligu taghha li tipprova dak li qed tallega. Wiehed irid izomm f'mohhu li hawn si tratta ta' talba ghat-tnehhija ta' mandat ghal ragunijiet specifici. Dawn ir-ragunijiet ghandhom jigu provati sodisfacjentement minn min qieghed iqajjimhom. Ma tistax is-socjeta` rikorrenti tehles minn tali obbligu, billi tippretendi li haddiehor igib il-provi. Sta ghaliha biex tipprova dak li qed tilmenta dwaru, u huwa ghal kollox inutili li tippretendi li jingiebu provi fuq punt irrilevanti. Fit-tieni lok donnu s-socjeta` rikorrenti kienet qed tinsa li hawn si tratta ta' mandat kawtelatorju, li bih is-socjeta` intimata qed tikkawtela d-drittijiet taghha. Ghalhekk mhux mehtieg li wiehed ibati tali danni, u huwa bizzejjed li tezisti l-possibilita` li javveraw ruhhom tali danni, tenut kont ic-cirkostanzi. Il-ligi taghti l-fakolta` li min ikun li juza mandati kawtelatorji bhala garanzija ghal tali eventwalita`. Dan kien qieghed jinghad dejjem biex tigi ribattuta l-allegazzjoni fil-hames paragrafu tar-rikors promotur, u minghajr pregjudizzju ghad-danni sofferti mis-socjeta` intimata, kif kellu jigi ppruvat fil-mori tal-kawza surreferita.

10. Illi ghalhekk gjaladarba Planet Soft Ltd. talbet ir-revoka/riduzzjoni tal-mandat a bazi tal-artikolu 836 (1 d) tal-Kap 12, sta ghaliha li tipprova li s-somma kawtelata hija eccessiva, jew mhux dovuta. Bl-istess mod, ladarba ntalbet ir-revoka/riduzzjoni tal-mandat a bazi tal-artikolu 836 (1 f) tal-Kap 12, Planet Soft Ltd. ghandha tissodisfa lill-Qorti li jezistu cirkostanzi tali li jiggustifikaw it-tnehhija tal-mandat.

11. Illi dwar in-nuqqas ta' interpellanza qabel il-hrug tal-mandat *de quo, is-socjeta` intimata* setghet iggib il-provi mehtiega li juru li kienu jezistu ragunijiet urgenti li jiggustifikaw il-hrug immedjat tal-mandat, u li kwindi ma kienet mehtiega ebda sejha, u wisq anqas m'ghandha tapplika xi penali, kif tippretendi s-socjeta` Planet Soft Ltd.

12. Illi huwa interessanti kif is-socjeta` Planet Soft Ltd. qed tallega li ma tistax topera minhabba l-mandat. Tabilhaqq, il-banek sekwestratarji kollha wiegbu li m'ghandhomx flejjes jew effetti taghha. Barra minn hekk l-istess socjeta` ddikjarat li "ma ghandha ebda konnessjoni ma' l-istess *websites",* izda fl-istess nifs tilmenta li l-mandat *de quo* sar biex jostakolaha milli topera. Fil-fehma umli tas-socjeta` intimata, tali kontradizzjoni hija ammissjoni cara li fil-verita` Planet Soft Ltd. kellha, u ghandha, konnessjoni stretta mal-imsemmija *websites,* kif kellu jigi pruvat, li kwindi jiggustifika l-prezenza tal-mandat.
13. Illi hija assolutament gratuwita w infondata l-allegazzjoni li l-mandat *de quo* inhareg in mala fede, u sabiex jostakola lill-Planet Soft Ltd. milli topera. Dan m'hu minnu xejn. Kif gja inghad, dan sar purament in kawtela tad-danni subiti, u li ghad tista' ssofri s-socjeta` intimata, kif wara kollox ghandha kull dritt taghmel. Jekk is-socjeta` rikorrenti jidhrilha mod iehor ghandha tippruvah minnufih, u ma tistax semplicement titfa' tajn minghajr gustifikazzjoni. Ghalhekk ghandha turi kif il-mandat in kwistjoni huwa malizzjuz, frivolu u vessatorju, u fin-nuqqas ghandha tirtira tali allegazzjonijiet.

14. Illi ciononostante, inghad illi mhux talli dan il-mandat mhux malizzjuz, frivolu u vessatorju, talli kien bzonnjuz ghas-socjeta` intimata, li kienet rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn il-persuna/i responsabbli *ghall-websites* in kwistjoni, kienu qed jinbidlu regolarment. Illi fil-mument li nhareg il-mandat, kien ghadu kemm sar kambjament iehor li kien juri lill-istess socjeta` rikorrenti bhala l-persuna responsabbli. Il-Qorti sejra tinnota li tali kambjament, bhal ta' qablu, sar bi skop qarrieqi, stante l-ishmatarji ta' Planet Soft Ltd., huma l-istess u/jew huma relatati mal-persuni li qabel kienu involuti ma' tali *websites.* Dan apparti l-uzu ta' ismijiet fittizji ohra adoperati intenzjonalment mill-istess individwi sabiex jizvijaw lil terzi innocenti bhas-socjeta` intimata, kif kellu jigi ampjament ippruvat fil-moni tal-kawza surriferita, u prezentement pendenti quddiem din l-istess Qorti kif presjeduta. Ghalhekk jekk hemm xi malizji din certament mhix tas-socjeta` intimata!

15. Illi ghalhekk mhux talli ma tezistix raguni ghalfejn ghandha tinghata xi garanzija mis-socjeta` intimata, izda semmai kienet Planet Soft Ltd. li kellha taghti tali garanzija, biex tissotitwixxi l-mandat, kif isir solitalment, u mhux tirrikorri abbusivament ghall-mezzi provduti mil-Ligi.

16. Illi fl-ahharnett, u assolutament minghajr pregjudizzju ghas-suespost, is-socjeta` intimata ghamlet referenza ghad-diversi digrieti/sentenzi, koncernanti l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet u gananziji. Huwa risaput illi fil-maggoranza taghhom dawn dejjem interpretaw id-disposizzjonijiet koncernati b'mod restrittiv hafna, tant illi dawk il-ftit kazijiet fejn giet imposta penali, kellhom cirkostanzi gravissimi, li certament ma rrizultawx fil-kaz in ezami.

17. Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, u fin-nuqqas ta' provi sodisfacjenti li s-socjeta` rikorrenti kienet tenuta tressaq in sostenn tat-talbiet taghha, is-socjeta` intimata talbet lill-Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez kontra l-istess Planet Soft Ltd.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehdet <u>Maria Dolores Buttigieg</u>, maghrufa bhala <u>Samantha Maria Statton</u> u qalet li hi s-sid u Direttrici ta' Planet Soft Limited u li din is-socjeta` qatt ma kellha kuntatt ma' <u>www.yellowpagesmalta.com</u> jew ma' <u>www.whitepagesmalta.com</u>. Il-kumpanija kienet registrata fit-2 ta' April 2003. Semmiet li hi ghandha l-maggoranza tal-ishma fil-kumpanija izda hemm id-Direttur tal-IT taghha Mr Sven Neumann. Planet Soft Limited hija kumpanija li

tikkrea software solutions. Qalet li hi involuta biss fl-amministrazzjoni tal-kumpanija.

D. **KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi r-rikorrenti qieghed jibbaza r-rikors tieghu fl-ewwel lok a tenur tal-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi illi:

836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv; jew

(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Issa, kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fil-kawza "**Camilleri vs Gove` et**", deciza fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01, "li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie*, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."

Illi l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet gja ezistenti taghha u mhux li tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha. Dan johrog car minn qari tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Carmela Aquilina vs Francis**

**X. Aquilina"** deciza fis-27 ta' Novembru, 1991 fejn inghad:
"id-dritt ta' kawtela – cjoe` d-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li – jista' jigi kawtelat. Dawn (id-dritt procedurali u d-dritt sostanzjali) huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed………Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m' huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat". Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha hija li ma "tikkonfondix il-kuncett ta' kawtela ma' dik ta' garanzija ta' drittijiet".

Illi s-socjeta` Planet Soft Limited sostniet kemm fir-rikors kif ukoll fis-smiegh tieghu li din is-socjeta` mhix proprjetarja tal-web sites www.yellowpagesmalta.com u anqas ta' www.whitepagesmalta.com imsemmija fic-citazzjoni u qatt ma kelha ebda konnessjoni mal-istess websites. Dan gie konfermat bil-gurament minn Maria Dolores Buttigieg li hija direttrici tas-socjeta` Planet Soft Limited. Ghalkemm fi zmien qasir xorta wahda huwa possibbli li socjeta` taghmel hsara, huwa ferm difficli li wiehed jasal ghall-fatt li fi 23 gurnata (u cioe` bejn it-2 ta' April 2003 meta fil-fatt giet registrata s-socjeta` rikorrenti u l-25 ta' April meta giet intavolata l-kawza fl-ismijiet Yellow Pages (Malta) Limited vs Jurgen Neumann Citazz. Nru. 417/03LFS) jigu kawzati danni ta' Lm50,000. Is-socjeta` Planet Soft Limited cahdet kategorikament tali konnessjoni filwaqt li s-socjeta` Yellow Pages (Malta) Limited ma gabet ebda prova li s-socjeta` rikorrenti fil-fatt kienet konnessa mal-Yellow Pages involuti. Dan qieghed jinghad fuq il-provi ***prima facie*** li ngabu s' issa u ma giet ippruvata la l-konnessjoni tas-socjeta` rikorrenti u anqas l-ammont ta' danni.

Is-socjeta` rikorrenti talbet ukoll il-kundanna ghall-penali ta' bejn Lm500 u Lm3000 minhabba li nhareg l-att kawtelatorju msemmi. Izda fil-kaz in ezami l-Qorti ma thossx li mill-provi li twasslu s' issa quddiemha hi tista' b' certezza tiddikjara li ghandha tkun dovuta l-penali u ghalhekk din it-talba ma tidhirx sostenibbli.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn dan ir-rikors billi:

(i) Tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 2244/03 ghal kollox;
(ii) Tichad it-talba ghall-penali kontra s-socjeta` intimata Yellow Pages (Malta) Limited
(iii) Peress li giet ordnata r-revoka tal-mandat tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba.

Spejjez kontra s-socjeta` Yellow Pages (Malta) Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------